# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 7 ta' Ottubru 2024**

**Rikors numru 939/2024 AB**

**Rikors fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1044/2024/1 fl-ismijiet:**

**La Mode Company Limited**
**vs.**
**Segal Rabbi Chain Shalom nomine**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **Segal Rabbi Chain Shalom nomine**;

Rat li matul is-seduta miżmuma għas-smiegħ tal-kawża fl-ismijiet **La Mode Company Limited et vs. Rabbi Chaim Shalom Segal għan-nom ta' Chabad of Malta Foundation** li ġġib in-numri 925/2024 u li ġiet appuntata għall-lum stess, Dr. Ivan Gatt għas-soċjeta rikorrenti ippreżenta u qara nota li permezz tagħha stante transazzjoni l-istess soċjeta kienet qegħda ċċedi l-atti tal-kawża inluż tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1044/2024.

Rat illi matul din is-seduta, il-Qorti kif presjeduta wara li ħadet nota ta' din in-nota ta' ċessjoni iddikjarat li ma kienetx sejra tieħu konjuzzjoni ulterjuri tal-kawża.

Fid-dawl ta' din iċ-ċessjoni li ġiet anke estiża għall-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1044/2024/1 GG jikkonsegwi li l-bażi legali li fuqha kien imsejjes dal-mandat t'inibizzjoni issa ġiet nieqsa u l-meritu tiegħu ġie issa eżawrit

biex b'hekk ma għadx hemm iżjed lok li dal-mandat ta' inibizzjoni jibqa' iżjed fis-seħħ u għalhekk għandu jiġi mneħħi b'effett immedjat.

Konsegwentement il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn titratta ulterjorment l-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti, filwaqt li t-tieni talba timmerita li tiġi milqugħa.

## KONLUŻJONI

**Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tiddisponi mill-preżenti rikors numru 939/2024 AB billi filwaqt li għar-raġunijiet premessi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tielet talba, tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tordna illi l-imsemmi mandat t'inibizzjoni bin-numru 1044/2024/1 GG ma għandux jibqa' iżjed fis-seħħ u għalhekk fis-sensi tal-art 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat fil-konfront tiegħu.**

**Fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew bejn il-partijiet, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**